**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 31 ta' Jannar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 979/2013 AF**

**Silvio Lautier**

**vs**

**Damian Borg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent Silvio Lautier li ġie ppreżentat fl-14 ta' Ottubru 2013, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Ir-rikorrent f'April 2013 kien xtara u akkwista minghand l-intimat vettura tat-tip BMW X5 bin-numru tar-registrazzjoni FCC 857.

Dan il-bejgh kien sar versu l-prezz ta' €25,000.

Sussegwentement irrizulta li din il-vettura kienet fil-fatt inxtrat originarjament l-Ingilterra mentri l-esponent xtraha bhala vettura ta' Malta.

Sussegwentement irrizulta wkoll minn verifiki li ghamel ir-rikorrenti illi tali vettura kellha mili ferm iktar minn dak li kien qieghed juri l-ispeedometer kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

In oltre kien hemm ukoll problemi fl-airconditioner tal-vettura odjerna.

Minhabba f'dan ir-rikorrenti dahal fi spejjez ulterjuri ta' €25,000 kif sejjer jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh ta din il-kawza.

Ghalhekk il-vettura odjerna ma kienitx tal-kwalità patwita skond l-artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Nonostante illi l-intimat gie interpellat diversi drabi biex jiehu l-vettura lura ujirrifondi l-prezz u jhallas id-danni izda hu baqa' inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi vettura tal-marka BMW X5 bin-numru ta' registrazzjoni FCC 857 mibjugha lir-rikorrent f'April 2013 mhijiex wahda tal-kwalità pattwita u ghalhekk hemm lok li tintalba ir-rexxessjoni tal-kuntratt tal-bejgh de quo u rifuzjoni tal-prezz kollu mhallas.

2. Tirrixendi l-bejgh tal-vettura tal-marka BMW X5 bin-numru ta' registrazzjoni FCC 857 mibjugha lir-rikorrent f'April 2013.

3. Tordna lill-intimat jirrifondi lura lir-rikorrent il-prezz imhallas ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000).

4. Tiddikjara illi a kawza tal-agir tal-intimat kif fuqi nghad ir-rikorrent sofra danni konsistenti fost affarijiet ohra ta' spejjez inkorsi f'riparazzjonijiet.

5. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent.

6. Tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Damian Borg li ġiet ippreżentata fl-14 ta' Novembru 2013 fejn gie eccepit illi:

Mhux minnu illi n-negozju li sar bejn il-kontendenti kien dak kif imsemmi fir-rikors guramentat u cioè illi r-rikorrenti Silvio Lautier xtara minghand l-eccipjenti BMW X5 bin-numru FCC 857 ghall-prezz ta' €25,000. In-negozju attwali kien dak ta' tpartit bejn Volkswagen Passat CC bin-numru ta' registrazzjoni Ingliz AN08MLL flimkien ma' vettura ohra, Nissam primera numru tar-registrazzjoni LCQ 913, mal-BMW X5, u dan bla ebda ekwiparazzjoni.

Lanqas m'hu minnu dak indikat fir-rikors promotur illi l-vettura BMW X5 nbieghet bhala "ta' Malta" u mhux "tal-Ingilterra" billi Silvio Lautier kien jaf mill-bidu nett illi dik il-vettura kienet impurtata mill-Ingilterra tant illi l-vettura nbieghet bil-licenzja "l-antika" u mhux bil-licenzja "il-gdida" kollox kif jigi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza u bix-xhieda ta' Samuel Leone Ciantar li kien prezenti meta sar in-negozju bejn il-kontendenti u jista' jikkonferma dana kollu. Tant hu hekk illi fuq il-logbook tal-BMW li kien inghata lill-attur malli gie konkluz in-negozju ddata tas-sena ta' manifattura hija indikata bhala dik tas-sena 2002 mentri fl-istess logbook u fil-linja ta' fuq taht l-intestatura data tal-ewwel registrazzjoni hemm indikat il-figuri 19/10/2007. Kif inhu risaput minn kulhadd meta karozza tkun inxtrat hawn malta id-data tal-ewwel registrazzjoni taghha tkun identika ma dik tas-sena ta' manifattura tal-istess.

L-allegazzjoni kontenuta fir-raba' paragrafu tar-rikors promotur tista' tkun jew ma tkunx minnha billi din il-vettura qatt ma giet impurtata mill-esponenti li kien akkwista minghand Paul & Rocco li da parti taghhom kienu akkwistaha minghand terza persuna li ismu l-esponenti ma jafx kif lanqas ma jaf min hi din il-persuna sabiex jekk kellu jirrizulta illi l-mili attwali kienu differenti minn dawk irregistrati fuq l-arlogg tal-BMW, ghal dan l-esponenti ma jista' qatt jinzamm responsabbli skond il-ligi.

Kull problema li tfaccat wara n-negozju msemmi fis-sistema

tal-arja kkondizzjonata tal-BMW giet mill-ewwel imsewwija mill-esponenti wara li l-attur ilmenta mieghu bid-difett, ittiehdet ghat-tiswija mill-istess attur li wara li ssewwiet hallas ghaliha u wara li ha l-ircevuta ghaddiha lill-esponenti li da parti tieghu rrifonda l-ammont li hallas ta' din it-tiswija, kollox kif jigi spjegat iktar dettaljament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-fatti elenkati hawn fuq kienu gia ngiebu a konjizzjoni tal-attur fl-iskambju ta' ittri legali li saru qabel ma gie intavolat dan ir-rikors però b'dana kollu l-attur webbes rasu u mhux biss intavola dan ir-rikors izda sahansita in mala fede ddikjara bil-gurmanet tieghu fil-Mandat ta' Qbid li huwa intavola kontra l-esponenti illi l-ammont dovut lilu kien dak ta' €35,000, filwaqt illi f'dawn il-proceduri qed jitlob €25,000 azzjoni din li titkellem wahidha dwar il-vessatorjetà ta' dawn il-proceduri.

Salv kull eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti prodotti.

Semgħet ix-xiehda prodotta.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża ir-rikorrent qed jitlob ir-rexissjoni ta' bejgħ ta' vettura tal-marka BMW X5 bin-numru ta' reġistrazzjoni FCC 857 minħabba li skont hu ma kienitx tal-kwalità pattwita skont l-Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, ir-rifużjoni tal-€25,000 li huwa l-prezz li huwa allegatament ħallas għaliha, kif wkoll li l-intimat jiġi ordnat iħallas l-allegati danni sofferti minnu bħala riżultat tal-aġir tiegħu, konsistenti fost affarijiet oħra fi spejjeż ta' riparazzjonijiet.

Ir-rikorrent Silvio Lautier fl-affidavit[1] tiegħu xehed illi fi Frar 2013 kien għaddej bil-VW Passat tiegħu minn quddiem ix-

[1] Affidavit tar-rikorrent, fol 18-21

showroom tal-intimat fl-iMsida u daħal jara. Waqt li kien hemm interessa ruħu fil-vettura BMW X5 mertu ta' din il-kawża li l-prezz tagħha kien ta' €25,000. Qal li l-intimat kien qallu li kienet immanifatturata fl-aħħar tas-sena 2003 u li kienet mixtrija mingħand agent Malta u li kellha kollox jaħdem u li ma kellhiex spejjeż x' jagħmlilha. Ftehmu li r-rikorrent ipartatha ma żewġ karozzi li kellu: VW Passat CC u Nissan Almera u inoltre iżidu €1000. Dak in-nhar stess (is-Sibt) ir-rikorrent ħa l-BMW u ħalla l-VW, u ftehmu li t-Tnejn l-intimat kellu jiġi għan-Nissan u jaghtih l-€1000.

Spjega li waqt li l-BMW kienet għandu dak il-weekend induna mill-manual li kienet tal-2002 u mhux tal-2003 u għalhekk meta ġibed l-attenzjoni tal-intimat dan irrinunzja ghall-€1000. It-tpartit għalhekk sar. Qal li għalkemm it-tpartit kien sar l-intimat ma taħx il-*logbook*[2] mal-ewwel għaliex qallu li s-sid preċedenti kien għadu imsiefer. Jgħid li fil-fatt kien fit-2 ta' April 2013 li setgħu jagħmlu t-transfer.

Wara li sar it-transfer ir-rikorrent ħa l-vetturi għand il-mechanic (ċertu Roderick Buttigieg) sabiex jarahielu u dan sab diversi ħsarat u qallu li kien hemm parts li kellhom jinbidlu: fosthom il-pompa tat-tank tad-diesel. Ir-rikorrent xehed li f'temp ta' tlett xhur huwa nefaq €1798.70 għand il-mechanic.

Meta beda riesaq is-sajf u xegħel l-airconditioner innota li dan ma bediex ikessah. Spjega li wara li kellem lill-intimat ftehmu li l-ispiża (€600) jaqsmuha bejniethom u fil-fatt hekk ġara. Huwa ppreżenta riċevuta Dok SL1 fl-ammont ta' €420 u spjega li dak kien il-prezz tal-fann, imbagħad kien hemm €160 oħra labour charges.

Ir-rikorrenti jkompli li sussegwentement kien mar Għawdex u ra Toyota pick up go showroom tal-karozzi. Qal li waqaf biex isaqsi lid-dealer riedx ipartathielu mal-BMW u meta ħareġ il-logbook dan induna li l-karozza ma kienitx ta' Malta iżda ta' barra u għalhekk waqqagħlu l-valur tagħha. Meta kkonfronta lill-intimat qal li dan kien sostna li fil-fatt ma kienitx ta' Malta u għalhekk il-liċenzja kienet irħisa.

[2] Log Book, Dok SL, fol 22

Sussegwentement iltaqa' ma' ċertu Pawlu Bonnici li kien imħajjar jixtri l-BMW u qal li meta dan ra l-odometer issuspetta li kien imbaghbas għax ma tantx kien verosimili li karozza tal-2002 ikollha biss 85,000 mil. Huwa għalhekk mar għand ħabib tiegħu li kellu aċċess biex jiċċekkja kif din il-BMW ġiet minn barra u rriżulta li fl-2007 kienet daħlet Malta mill-Ingilterra b'88,000 mil skorruti, kif jirriżulta mid-dokument immarkat Dok SL2.[3]

Spjega li b'din l-informazzjoni f'idejh ikkonfronta lill-intimat u dan "*għamel ta' bir-ruħu li ma kienx jaf*". Qal li imbagħad ipproponielu li jieħu lura l-BMW u jirritornalu il-VW u offrielu €2000 tan-Nissan peress li kien laħaq biegħu. Hu qal li ma aċċettax il-proposta u għalhekk iddepożita l-BMW il-qorti u bħala kunsinnatarju hemm Sandro Vella li qed iżommlu €1,500 fis-sena għall-kiri tal-ġaraxx fejn qed tinżamm il-vettura u vettura biex jinqeda biha[4].

Stephen Cachia[5] l-"ħabib" tar-rikorrenti għamel ir-riċerka fuq il-vettura in kwistjoni. Fix-xiehda tiegħu spjega li huwa amministratur fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport ta' Malta. Ikkonferma li l-vettura ilha reġistrata fuq isem ir-rikorrent mit-2 ta' April 2013. Ippreżenta Dok TM1[6] li huwa dokument b'lista tal-ħames sidien li kellha l-vettura (inkluż ir-rikorrent), minn meta ġiet reġistrata l-ewwel darba mal-Awtorità fl-2007. Fir-rigward tal-mileage, ippreżenta Dok TM2. Dan juri lista tat-testijiet tal-VRT li saru fuq il-vettura fis-snin 2007, 2009, 2011 u 2013. Il-mileage (f'km) huma indikati bħala 131,302.79, 96,000, 105,582.95, u 82,497 rispettivament.

Paul Bonnici[7] fl-affidavit tiegħu ikkonferma li kien imħajjar jixtri l-BMW tar-rikorrent iżda meta rah innota li l-meter kien qed jimmarka 85,000. Spjega li r-rikorrent kien infurmah li kienet ġiet mill-Ingilterra u għalhekk karozzi bħal dawn ġeneralment

---

[3] Dok SL2, fol 24

[4] Ftehim Dok SL3 datat 14.10.2013, fol 25-26

[5] Xiehda ta' Stephen Cachia, 09.04.2014, fol 37-38

[6] Dok TM1, fol 39

[7] Affidavit ta' Paul Bonnici Dok S2, fol 27

ikunu tellgħu ħafna mili. Għalhekk raha stramba li mill-2002 kellha biss 85,000.

Roderick Buttigieg[8] li huwa l-mechanic li r-rikorrent kien ħa l-BMW għandu, kkonferma li kien għamlilha service u induna li kien hemm il-pompi tad-diesel bil-ħsara u kellhom jinbidlu. Semma wkoll ħsarat oħra bħall-ball joint, u parti mill-arm ta' quddiem li għandha x' taqsam mar-rota. Ikkonferma li tħallas skont l-erba' riċevuti mmarkati Dok SL2, SL3, Sl4 u SL5.[9]

Minn naha tieghu, l-intimat Damian Borg[10] fix-xiehda tiegħu qal illi l-vettura BMW mertu tal-kawża kienet importata mill-Ingilterra u kienet reġistrata Malta qabel l-2009. (Spjega li meta vettura tkun reġistrata Malta qabel l-2009 il-liċenzja togħla sa massimu ta' €550 u jekk tkun reġistrata wara l-2009 togħla sa €1500). Huwa ikkonferma li hu u r-rikorrent kienu ftehmu li jpartatlu l-BMW mal-VW u man-Nissan u li apparti dawn iż-żewġ vetturi r-rikorrent kellu jżidu €1000. Ikkonferma ukoll illi peress li kien irriżulta li l-vettura kienet tal-2002 u mhux tal-2003 kien qatagħlu l-€1000.

Xehed illi huwa biegħ il-vettura għan-nom ta' Paul & Rocco Ltd u ha *commission* fuqha. Spjega li t-transfer fil-fatt sar minn fuq Paul & Rocco Ltd għal fuq ir-rikorrent.

Ikkonferma li l-ispejjeż tal-airconditioner kienu qasmuhom hu u r-rikorrent. Dwar il-kwistjoni li l-BMW kienet tal-Ingilterra u mhux ta' Malta, ir-rikorrent ċaħad li qatt kien hemm diskors f'dan is-sens mar-rikorrent meta kienu qegħdin jinnegozjaw. Qal li meta beda jargumenta miegħu huwa offra li jerġa' jieħu l-BMW lura u jirritornalu l-VW. Peress li n-Nissan kien laħaq biegħha offrielu li jagħtih il-flus li kien daħħal tagħha, iżda qal li r-rikorrent ma aċċettax u baqa jinsisti li jagħtih lura l-BMW u jieħu tagħha €24,000.

Kontro-eżaminat qal illi meta hu u r-rikorrent kienu qegħdin jaħsbu biex ireġġgħu n-negozju lura fir-rigward tan-Nissan,

---

[8] Affidavit ta' Roderick Buttigieg, Dok S3, fol 28
[9] Fol 29, 20, 31, 32 rispettivament
[10] Xiehda ta' Damian Borg, 07.10.2014, fol 44-46

peress li hu kien diġà biegħha, dan kien offrielu €2000 tagħha anke jekk ma kinitx tiswihom. *"Jiena ma ridtx intih inqas jew iżjed, jiena ridt nagħtih il-karozza li tani hu li hija l-Passat u dak li ġbart tan-Nissan"*. Qal li kien se jipprova jfittex xi dokumenti fir-rigward tal-bejgħ tan-Nissan però spjega li kien hemm maltempata, u peress li qegħdin f'Valley Road kien kellhom ħafna ħsara. F'xiehda sussegwenti[11] qal li minkejja li fittex ma sab l-ebda dokument fir-rigward tal-bejgħ tan-Nissan.

Samuel Leone Ciantar fl-affidavit tiegħu[12] spjega illi huwa jkun kuljum fix-showroom tal-intimat. Ikkonferma li kien sar tpartit ta' karozzi bejn il-kontendenti fis-sens Ii r-rikorrent ħa l-BMW X5 u għadda lill-intimat il-VW Passat u n-Nissan Primera. Spjega li wara li kien sar it-transfer ir-rikorrent kien mar ix-showroom jilmenta dwar xi ħsarat u l-intimat kien qallu li *"l-wear and tear ma kinitx koperta bi-garanzija"*. Ikkonferma li meta sussegwentement ilmenta dwar l-airconditioner l-intimat ħareġ nofs l-ispejjeż biex dan jissewwa. Ftakar ukoll l-episodju fejn ir-rikorrent kien ilmenta mal-intimat dwar li l-karozza kienet mill-Ingilterra u mhux minn Malta u dwar li l-ispeedometer kien imbagħbas. Qal li l-intimat kien fakkru li fl-ebda ħin waqt in-negozju ma kien qallu li l-karozza kienet ta' Malta. Dwar il-mili qal li l-intimat kien spjegalu li kien hemm diversi sidien qabel ma ġiet f'idejh.

Ikkonferma illi minkejja li l-intimat kien ippropona lir-rikorrent li jreġġgħu lura n-negozju fis-sens li r-rikorrent jirritornalu l-BMW u l-intimat jirritornalu l-VW u l-flus li kien daħħal min-Nissan, ir-rikorrent ma aċċettax u beda jitolbu €24,000. *"Damian ma aċċettax li jtih €24,000 għax in-negozju kien wieħed ta' tpartit u qatt ma ssemmew ammonti ta' kemm kienu jiswew il-karozzi individwalment."*

David Caruana[13], amministratur fi ħdan it-Trasport Malta fix-xiehda tiegħu ikkonferma li minn mindu l-BMW ġiet reġistrata Malta fl-2007 kellha ħames sidien inkluż ir-rikorrent. Ikkonferma li wara li ġiet importata mill-Ingilterra u ddaħlet

[11] Xiehda ta' Damian Borg tat-12.01.2016, fol 69
[12] Affidavit ta' Samuel Leone Ciantar, Dok BD1 fol 50-51
[13] Xiehda ta' David Caruana tat-30.04.2015, fol 62-63

Malta fl-2007 kellha 131,302 kilometri, fl-2009 kellha 96,000, fl-2011 kellha 105,000 u fl-2013 kellha 82,000.

Fl-isfond ta' dawn il-provi, il-Qorti qieset illi l-intimat fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu jilmenta illi mhux minnu li r-rikorrent kien "*xtara*" mingħandu il-vettura BMW X5 "*għall-prezz ta' €25,000*", kif ippremetta l-istess rikorrent fir-rikors ġuramentat tiegħu. In fatti mill-provi prodotti jirriżulta ppruvat u saħansitra kkonfermat miż-żewġ kontendenti illi n-negozju effettivament kien wieħed ta' "tpartit" u mhux wieħed ta' "bejgħ". Għall-vettura BMW X5 ir-rikorrent ma għadda l-ebda somma flus lill-intimat, iżda għaddielu invece żewġ vetturi: il-VW Passat CC u n-Nissan Primera.

Fil-fatt dan in-negozju jinkwadra perfettament taħt l-Artikolu 1485(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula:

*"It-tpartit hu kuntratt li bih il-partijiet jobbligaw ruħhom li jagħtu lil xulxin ħaġa li ma tkunx flus."*

Ladarba n-negozju bejn il-kontendenti huwa kjarament kuntratt ta' tpartit fejn wieħed ikkonsenja ħaġa lill-ieħor u vice versa, mhux korrett li r-rikorrent jitlob ir-rexissjoni tal-"*kuntratt ta' bejgħ*" u r-rifużjoni tal-"*prezz imħallas ta' ħamsa u għoxrin elf ewro".*

Anke jekk ħafna mir-regoli dwar il-kuntratt ta' bejgħ jgħoddu għall-kuntratt ta' tpartit (Artikolu 1493[14]), jibqa' l-fatt li l-kawżali u t-talbiet għandhom jispekkjaw dak li verament ġara bejn il-kontendenti. Jekk bejniethom kien hemm kuntratt ta' tpartit ma jistax ir-rikorrent bil-ġurament tiegħu jiddikjara li kien hemm kuntratt ta' bejgħ u jgħid li ħallas somma flus bħala prezz.

Għalhekk f' dan ir-rigward hija fondata l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat.

---

[14] *"Ir-regoli l-oħra kollha dwar il-kuntratt ta' bejgħ, igħoddu wkoll għall-kuntratt ta' tpartit."*

Din il-qorti tosserva li l-attur qed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq l-Artikolu 1390. Fil-paragrafu 7 tal-premessi tiegħu jiddikjara:

> *"Illi għalhekk il-vettura odjerna ma kinitx tal-kwalità pattwita skont l-Artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta."*

L-Artikolu 1390 (li skont l-Artikolu 1493 jgħodd għal tpartit) jistipula hekk:

> *"Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti."*

Dan l-artikolu jirrigwarda il-mument tal-konsenja tal-ħaġa, u cioè meta x-xerrej josserva illi l-ħaġa li qed tiġi konsenjata lilu mhix tal-kwalità mwegħda. F'tali każ jista' jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew jirċeviha (minkejja li jkun induna li mhix tal-kwalità mwegħda) iżda b'riduzzjoni fil-prezz fuq stima tal-periti.

Fil-kawża "Emmanuele Calleja vs Joseph Grech" (P.A. 10.06.1965) l-Imħallef Maurice Caruana Curran osserva li l-qrati tagħha kienu qed japplikaw dan l-artikolu (dak iż-żmien l-Artikolu 1440) indiskriminatament: u cioè kemm meta ix-xerrej ikun diġa irċieva l-konsenja tal-ħaġa u kemm meta ma jkunx. L-analiżi profonda tiegħu però issegwi l-ħsieb li dan l-artikolu m'għandux japplika wara li l-konsenja tkun ġiet riċevuta. Huwa jgħid hekk:

> *"…fil-fehma ta' din il-qorti, l-azzjoni speċjali taħt din id-dispożizzjoni għandha tippreċedi l-konsenja jew almenu tkun konkomittanti magħha jew issir immedjatament fuqha meta l-venditur ikun, per eżempju, bagħat il-ħaġa lill-kumpratur mingħajr ma dan ikun raha. Tant jidher ċar mhux biss mill-lokazzjoni espressa tal-liġi "<u>If the thing which the seller offers to deliver</u>", kliem li fit-test Taljan jaqra "<u>se la cosa che il venditore si escibisce a consegnare</u>", imma wkoll – u f' dan il-każ, bħala sorġenti ta' interpretazzjoni, si tratta ta' mhux minn sempliċi*

*kwistjoni ta' "heading" imma mill-ordni sħiħa ta' ideat fejn il-leġislatur inserixxa d-dispożizzjoni – mill-fatt li l-Artikolu 1440 jinsab imqiegħed fost id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-konsenja jew tradizzjoni tal-ħaġa mibjugħa…..jidher li l-leġislatur introduċa l-Artikolu 1440, li ma jirrikorrix fil-Kodiċi Ċivili Franċiż jew Taljan, biex sa l-aħħar moment qabel il-konsenja jagħti lill-kompratur l-opportunità, ġustifikata mid-differenza mill-kwalità promessa, biex jirripudja l-kuntratt ġia perfezzjonat u joħroġ minnu – jikkanċellah u b'hekk jevita l-inkonvenjenza tal-pagament u tar-riċezzjoni fiżika tal-paga u r-riskju attendenti l-azzjoni għar-reżoluzzjoni wara li jkun irċieva l-konsenja."*

Ikompli jispega illi għandha ssir distinzjoni bejn (i) azzjoni għal riżoluzzjoni minħabba inadempjenza li hija bbażata fuq il-prinċipju ġenerali "*ademplenti non est ademplendum*" u fuq il-patt kommissorju taċitu tipiku għall-kuntratti bilaterali kollha, u (ii) azzjoni imposta fuq l-Artikolu 1440 li huwa dispożizzjoni *sui generis* li japplika biss għall-każijiet fih espressament previsti. Jgħid li għandhom jiġu segwiti dawk is-sentenzi li jammettu r-riżoluzzjoni anke wara l-konsenja, iżda mhux in kwantu jikkollokaw l-azzjoni taħt l-Artikolu 1440.

Fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Paul Galea pen vs Carmel Galea" (P.A. 31.01.2003) il-Qorti spjegat illi:

*"Mir-riċerka kondotta mill-Qorti jidher li saż-żminijiet riċenti l-Qorti tal-Appell segwiet it-tifsira adottata f'dawk il-ġudikati li rritenew li biex ix-xerrej jeħles mir-rabta kontrattwali li kien daħal fiha li jakkwista l-oġġett mingħand il-venditur, fejn dak l-oġġett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skont il-kwalità mwegħda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepożitah taħt l-Awtorità tal-Qorti. (Avv. Dr Louis Cassar Pullicino noe vs Pauline Buhagiar noe – App. 28.04.2000)*

*…….Kif issokta jingħad fis-sentenza fl-ismijiet "John Mary Dalli nomine vs Grezzju Patiniott, Appell, 19 ta' Mejju 2000, "din kienet difiża li l-kompratur seta' javvanza wkoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex iħallas il-prezz tal-oġġett in vendita. Mill-banda l-oħra jekk il-kompratur*

*jagħżel li jżomm l-oġġett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreaġixxi skont kif trid il-liġi għall-fatt li dak l-oġġett ma jkunx skont il-kampjun jew tal-kwalità pattwita, l-komprатur ikun qieħed jippreġudika irrimedjabbilment il-pożizzjoni tiegħu."*

F'sentenza aktar riċenti fl-ismijiet "David Pace vs Tony Vella" mogħtija fit-12 ta' Novembru 2013 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-Qorti irriteniet kif għall-finijiet tal-Artikolu 1390:

*"Il-forma ġuridika tar-rifjut hi komunement meqjusa bħala d-depożitu formali tal-oġġett permezz ta' cedola fil-Qorti u f'każijiet ta' oġġetti kbar id-depożitu fiżiku tal-oġġett għand konsinjatarju."*

Issa fil-każ odjern ir-rikorrent fi Frar 2013 aċċetta li jieħu u jżomm il-ħaġa mingħajr riservi. Kif jikkummenta l-intimat fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu, il-vettura BMW kienet għandu għal xahar u nofs qabel ma sar it-trasferiment formali ma' Transport Malta, (bejn "f'nofs Frar 2013" u t-"2 ta April 2013") u anke f'dak l-istadju kien kuntent li jsir it-trasferiment. Fil-fatt mill-provi prodotti (ara *supra)* jirriżulta li l-ilmenti tar-rikorrent, u cioè:

- li l-vettura kienet oriġinarjament importata mill-Ingilterra (u mhux kif allegatament qallu l-intimat);

- li l-vettura kellha ħafna aktar mili minn dak li kien jindika l-ispeedometer; (il-Qorti tassumi li ried ifisser odometer);

- li kellu jagħmel xi spejjeż ta' riparazzjonijiet minħabba l-ħsarat li kellha (minkejja li l-intimat allegatament kien qallu li kellha kollox jaħdem u ma kellux bżonn jagħmlilha spejjeż);

kollha għamilhom lill-intimat xhur wara li aċċetta li jieħu l-vettura. Meta huwa sussegwentement iddeċieda li jiddepożita l-vettura taħt l-awtorità tal-Qorti dan kien proprju fl-14 ta' Ottubru 2013[15] u cioè diversi xhur wara li kien laħaq ħa l-

[15] Ċedola ta' depożitu: 14.10.2013, Dok B fol 7

vettura u għalhekk diversi xhur wara li kien ilu jagħmel użu minnha u jiġri biha kemm Malta u kif ukoll Għawdex. Jiġi kkunsidrat ukoll il-fatt li hawnhekk si tratta proprju ta' vettura - ħaġa li tiddeprezza kontinwament u b'rata konsiderevoli.

Fid-dawl tal-insenjament ġuridiku fuq ċitat, u tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, hija l-fehma ta' din il-qorti li l-azzjoni odjerna ma kellhiex tiġi proposta taħt l-Artikolu 1390. Kien hemm wisq trapass ta' żmien bejn il-mument li r-rikorrent ħa l-vettura f'idejh u l-mument li ddeċieda li jiddepożitaha taħt l-awtorità tal-qorti biex jitqies li qed "jirrifjutaha" għax mhux tal-kwalità pattwita skont l-Artikolu 1390.

In vista tas-suespost din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeciedi billi:

(i) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat li l-azzjoni hija infondata in kwantu qed tintalab ir-rexissjoni tal-"*kuntratt ta' bejgħ*" u r-rifużjoni tal-"*prezz imħallas ta' ħamsa u għoxrin elf ewro*" ladarba qatt ma kien hemm "kuntratt ta' bejgħ" u qatt ma sar ħlas ta' prezz; u ghalhekk tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

L-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-istess rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG